Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 27 ta' Frar 2025**

**Kump. Nru. : 714/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Clinton Mifsud**
**(ID Nru 0504583M)**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Clinton Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0504583M.

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Novembru 2021 ghall-habta tal-hinijiet ta' bejn il-11:30 hrs u s-13.00 hrs gewwa 40, Susan, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja tal-mara tieghu Tiziana Mifsud f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fiil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq l-istess Tiziana Mifsud, hekk kif iccertfikat minn Dr Stephanie Debono (Med. Reg. 4111).

2. Hebb kontra l-mara tieghu u cioe' Tiziana Mifsud sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara.

3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali lill-mara tieghu, u cioe' Tiziana Mifsud jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Clinton Mifsud a beneficcju ta' Tiziana Mifsud u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f' kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Tiziana Mifsud kif jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Clinton Mifsud billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Clinton Mifsud b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Clinton Mifsud sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat ir-Rikors kongunt ta' Tiziana u Clinton konjugi Mifsud pprezentat fl-20 ta' Frar 2025, li fih Tiziana Mifsud talbet lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proceduri kontra l-istess imputat, u dan ghaliex huwa fl-ahjar interess tal-familja, u b'mod specjali sabiex ukoll il-partijiet ikunu f'posizzjoni jkomplu bil-process tas-separazzjoni legali taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2025, semghet lill-partijiet, fejn ghal darb'ohra regghu tennew illi l-*parte civile* qed tirrinunzja ghal dak kollu rinunzzjabbli u qed titlob sabiex dawn il-proceduri jitwaqqfu ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward ir-rikors kongunt prezentat fl-20 ta' Frar 2025, fejn l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Sherona Buhagiar ghall-Kummissarju tal-Pulizija, iddikjarat illi m'hemmx

ogezzjoni li din il-kawza titwaqqaf ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkunsidrat illi huwa fl-ahjar interess ta' l-istess konjugi Mifsud, illi dawn il-proceduri ma jitkomplewx.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara Procediment Ezawrit.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat